IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2019
COM(2019) 331 final

2019/0151 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ZEE)

{SEC(2019) 275 final} - {SWD(2019) 330 final} - {SWD(2019) 331 final}

MT

MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ir-Regolament tal-EIT[1]), adottat fl-2008, jistabbilixxi l-missjoni u l-kompiti tiegħu u l-qafas għall-funzjonament tiegħu. Ir-Regolament ġie emendat fl-2013 biex[2] fost l-oħrajn ikun allinjat ma' Orizzont 2020[3].

Il-missjoni ġenerali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (l-EIT) hi li jagħti spinta lil tkabbir ekonomiku u kompetittività Ewropej sostenibbli billi jsaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-EIT isaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni u jindirizza l-isfidi tas-soċjetà bl-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-EIT jopera permezz tal-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (il-KICs) tiegħu: sħubijiet Ewropej fuq skala kbira li jindirizzaw sfidi speċifiċi tas-soċjetà billi jlaqqgħu flimkien l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni, tar-riċerka u tan-negozju. L-EIT jipprovdi għotjiet lill-KICs, jissorvelja l-attivitajiet tagħhom, jappoġġa l-kollaborazzjoni bejn il-KICs u jxerred ir-riżultati u l-prassi tajba.

L-evalwazzjoni esterna tal-EIT li saret fl-2017 tikkonferma li r-raġunament wara l-istabbiliment tiegħu hu validu u li l-mudell tiegħu ta' integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien xprunat mill-innovazzjoni għadu rilevanti.

Għall-perjodu 2021-2027, Orizzont Ewropa se jkun il-programm tal-Unjoni li jiffinanzja l-EIT. Għalhekk l-EIT hu parti integrali mill-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Orizzont Ewropa u wieħed mit-tliet komponenti tal-pilastru tagħha ta' "Ewropa Innovattiva". Il-proposta ta' Orizzont Ewropa tistabbilixxi l-baġit għall-EIT għall-QFP li jmiss kif ukoll ir-raġunament, il-valur miżjud, l-oqsma ta' intervent u l-linji ġenerali tal-attività tiegħu. Madankollu, il-proposta ta' Orizzont Ewropa nnifisha ma tipprovdix il-bażi ġuridika għat-tkomplija tal-operazzjonijiet tal-EIT mill-2021. Il-bażi ġuridika tal-EIT tibqa' r-Regolament tal-EIT.

Barra minn hekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-EIT jeżiġi li kull seba' snin il-Kummissjoni tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni (ASI) li tistabbilixxi l-prijoritajiet strateġiċi u fit-tul u l-ħtiġijiet finanzjarji għall-EIT, u din jeħtieġ tkun konformi mal-programm qafas tal-Unjoni applikabbli li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni[4].

Fil-prinċipju, ir-Regolament tal-EIT mhux marbut maż-żmien, għall-kuntrarju tal-ASI. Madankollu, minħabba li xi dispożizzjonijiet fir-Regolament tal-EIT jagħmlu referenza diretta

1 Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1).

2 Ir-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 347, 11.12.2013, p. 174).

3 Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

4 L-ASI attwali tkopri l-perjodu 2014-2020.

għall-programm Orizzont 2020 attwali stabbilit għall-perjodu 2014-2020, dawk id-dispożizzjonijiet jeħtieġ jiġu emendati biex ikunu kompatibbli mal-programmi qafas li jmiss tal-Unjoni li jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Għalhekk qed jiġi propost li r-Regolament il-ġdid tal-EIT ma jkunx marbut maż-żmien biex fil-prinċipju ma jkunx hemm bżonn jiġi emendat fi tmiem kull QFP, jew inkella dawn l-emendi jkunu minimi biss. Il-kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet tal-EIT f'kull QFP ġdid tkun soġġetta għal finanzjament xieraq li jkun jikkonsisti f'kontribuzzjoni tal-Unjoni. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tingħata permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-programm qafas tal-Unjoni li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll minn programmi oħra tal-Unjoni.

L-ASI tal-EIT se tiżgura l-allinjament mal-objettivi tal-programm qafas rilevanti tal-Unjoni li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni, l-ippjanar multiannwali strateġiku, il-monitoraġġ u ma' rekwiżiti oħra ta' dak il-programm, u se trawwem sinerġiji ma' programmi rilevanti oħra f'kull QFP ġdid.

Ir-Regolament tal-EIT diġà ġie emendat b'mod sostanzjali fl-2013 u l-proposta attwali tinkludi aktar emendi sostantivi lir-Regolament tal-EIT, u għalhekk qed jiġi propost li r-Regolament tal-EIT jiġi emendat permezz tat-teknika leġiżlattiva ta' riformulazzjoni biex tkun żgurata aktar ċarezza legali u leġibbiltà aħjar. Bin-newtralità taż-żmien tar-Regolament riformulat, se tkun tista' ssir enfasi wkoll fuq il-prinċipji ewlenin tal-funzjonament tal-EIT/KICs. Dan, flimkien mar-rwol aktar b'saħħtu tal-ASI fl-allinjament tal-EIT mal-programm tal-finanzjament tiegħu f'kull QFP, se jtejbu l-koerenza ġenerali tal-qafas leġiżlattiv tal-EIT, jiffaċilitaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu, u jiffaċilitaw il-proċess leġiżlattiv fi żmien seba' snin.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Għall-perjodu 2014-2020, l-objettivi tal-EIT, ir-raġunament, il-valur miżjud tal-UE, il-baġit, il-linji ġenerali tal-attività u l-indikaturi tal-prestazzjoni tiegħu huma ddefiniti fir-Regolament ta' Orizzont 2020. Ir-Regolament tal-EIT jistabbilixxi, b'mod parallel, il-missjoni u l-kompiti tal-EIT flimkien mal-qafas għall-funzjonament tiegħu. L-oqsma strateġiċi, l-oqsma ta' prijorità fit-tul u l-ħtiġijiet finanzjarji tal-EIT għal kull perjodu ta' seba' snin huma stabbiliti fl-ASI[5].

Il-proposta ta' Orizzont Ewropa tikkonferma l-importanza u l-kontribut tal-EIT u tal-KICs tiegħu fit-twettiq tal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE fil-qasam tal-innovazzjoni. Din tipproponi l-baġit tal-EIT għall-2021-2027, il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, il-valur miżjud u l-oqsma ewlenin ta' attività tiegħu, filwaqt li tindika rwol rivedut tal-EIT li jsaħħaħ il-kontribut tiegħu għall-objettivi ta' Orizzont Ewropa.

L-EIT hu integrat f'Orizzont Ewropa bħala parti mill-Pilastru III tiegħu ("Ewropa Innovattiva"). Iżda se jinħolqu sinerġiji u komplimentarjetajiet ma' komponenti oħra tal-programm. Permezz tal-KICs tiegħu, l-EIT se jikkontribwixxi wkoll biex jiġu indirizzati l-isfidi globali tal-Pilastru II ("Sfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali Ewropea") u tal-Pilastru I ("Xjenza Eċċellenti").

[5] Id-Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT): il-kontribuzzjoni tal-EIT għal Ewropa iktar innovattiva (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 892).

Skont il-proposta ta' Orizzont Ewropa, il-KICs jitqiesu bħala Sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati. Il-kontribut tal-KICs għal attivitajiet rilevanti oħra skont il-qafas ta' Orizzont Ewropa se jkollu l-appoġġ tal-proċess multiannwali tal-Ippjanar Strateġiku li se jinkorpora perspettivi interdixxiplinari u transsettorjali u se jiżgura li l-attivitajiet kollha ta' Orizzont Ewropa jiġu kkoordinati b'mod effettiv. Barra minn hekk, il-proposta ta' Orizzont Ewropa tenfasizza li l-"proposti għall-KICs futuri tal-EIT b'konformità mar-Regolament tal-EIT se jiġu indikati fl-ASI u se jqisu l-eżitu tal-proċess tal-Ippjanar Strateġiku u l-prijoritajiet tal-Isfidi Globali u l-pilastru tal-Kompetittività Industrijali Ewropea".

Biex jintlaħqu l-objettivi ta' Orizzont Ewropa, se jkun hemm bżonn ukoll koperazzjoni mill-qrib mal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (l-EIC), biex ikunu żgurati sinerġiji u impatt akbar. L-EIT u l-EIC huma kumplimentari: l-EIC se jidentifika, jiżviluppa u juża innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, u jappoġġa l-espansjoni malajr tal-impriżi innovattivi li jiżviluppaw innovazzjonijiet li joħolqu s-swieq fil-livell Ewropew u internazzjonali, filwaqt li l-EIT se jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kapaċità tal-innovazzjoni fil-livell Ewropew u tal-Istati Membri bl-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien u bl-appoġġ għall-ekosistemi tal-innovazzjoni. Il-fokus distintiv tal-EIT se jkun fuq il-kapital uman, l-edukazzjoni intraprenditorjali, sensibilizzazzjoni reġjonali aktar b'saħħitha u l-appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' negozji f'oqsma tematiċi speċifiċi.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Kif deskritt hawn fuq, il-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tar-Regolament tal-EIT tisħaq fuq ir-rwol tal-ASI li trawwem sinerġiji mhux biss mal-programm qafas tal-Unjoni li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni iżda anki ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni tal-QFP rispettiv. L-aktar importanti hu l-ASI toħloq sinerġiji u kumplimentarjetajiet xierqa bejn l-attivitajiet tal-EIT u inizjattivi, politiki u strumenti oħra tal-Unjoni. L-EIT se jkollu attivitajiet immirati għal dak ir-rigward. Barra minn hekk, il-proposta ssaħħaħ ir-rwol tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri, li se jgħin biex ikunu żgurati sinerġiji u kumplimentarjetajiet tal-attivitajiet tal-EIT u tal-KICs mal-programmi u l-inizjattivi nazzjonali.

BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-UE għandha kompetenza kondiviża fil-politika tal-industrija abbażi tal-Artikolu 173 tat-TFUE (it-Titolu XVII). Skont l-Artikolu 173(1), l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jeżistu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni. Għal dak il-għan, skont sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-azzjoni tagħhom għandha tkun immirata wkoll biex trawwem sfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politiki tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku. L-Artikolu 173(3) jipprevedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja msemmija fl-Artikolu 294, jistgħu jiddeċiedu dwar miżuri speċifiċi li jappoġġaw l-azzjoni meħuda fl-Istati Membri biex jintlaħqu l-objettivi msemmija, għajr għal kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Istati Membri. Din id-dispożizzjoni hi l-bażi ġuridika tar-Regolament tal-EIT attwali u tal-ASI 2014-2020.

It-tisħiħ propost tal-attivitajiet tal-EIT, inkluż fl-oqsma tal-edukazzjoni u d-dimensjoni reġjonali, hu xprunat mill-innovazzjoni u għandu l-għan li jissodisfa l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 173 tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà u proporzjonalità**

Il-proposta għal riformulazzjoni tar-Regolament tal-EIT tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Dan ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni u jinkiseb valur miżjud- ċar tal-UE mil-lat ta' ekonomiji ta' skala, ambitu u ħeffa tal-investimenti fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, meta mqabbla ma' inizjattivi u soluzzjonijiet nazzjonali u reġjonali. Barra minn hekk, l-azzjoni tal-UE ma tinterferixxi ma' xenarji purament domestiċi u lanqas ma teħtieġ xi armonizzazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Istati Membri.

L-EIT għandu mod uniku kif isawwar ekosistemi tal-innovazzjoni mal-UE kollha fejn jidħlu l-edukazzjoni, ir-riċerka, in-negozju u partijiet konċernati oħra[6]. L-attivitajiet ta' koperazzjoni appoġġati mill-EIT iwasslu għal żieda fil-kwalità tal-azzjoni, fl-innovazzjoni u fl-internazzjonalizzazzjoni tas-sħab u tal-organizzazzjonijiet tal-KICs, għall-ħolqien ta' networks transfruntieri u multidixxiplinari, għal koperazzjoni aktar transsettorjali u għal sensibilizzazzjoni ġeografika.

L-EIT hu wkoll l-uniku strument f'Orizzont Ewropa li għandu fokus distint fuq l-edukazzjoni bħala mutur ewlieni tal-innovazzjoni, tat-tkabbir u tal-kompetittività.

RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Valutazzjoni esterna

Il-proposta hi msejsa fuq l-evalwazzjoni esterna tal-EIT li saret fl-2017 u li tikkonferma li r-raġunament wara l-istabbiliment tiegħu hu validu u li l-mudell tiegħu ta' integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien xprunat mill-innovazzjoni għadu rilevanti. Il-mudell tal-EIT hu mmirat lejn id-dgħjufijiet strutturali tal-kapaċitajiet tal-innovazzjoni fl-UE (f'oqsma tematiċi ewlenin) fosthom il-kultura intraprenditorjali limitata, il-livell baxx ta' koperazzjoni bejn id-dinja akkademika u l-industrija, u n-nuqqas ta' żvilupp tal-potenzjal uman, u għandu l-għan li jikkontribwixxi biex jixxejjen id-distakk tal-innovazzjoni bejn l-UE u l-kompetituri ewlenin tagħha.

Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa

Il-proposta tqis ir-riżultati tal-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa (OPC) li tmexxiet bħala komponent tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea biex tappoġġa l-proposti tagħha għar-reviżjoni tar-Regolament tal-EIT u għal Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni ġdida tal-EIT għall-2021-2027. L-OPC kellha l-għan li tiġbor informazzjoni, opinjonijiet u fehmiet mingħand firxa wiesgħa ta' partijiet konċernati fuq 1) l-isfidi u l-opportunitajiet fil-qasam Ewropew tar-riċerka u l-innovazzjoni, 2) l-għanijiet ta' politika tal-EIT, u 3) l-alternattivi ta' politika li jindirizzaw l-isfidi.

Valutazzjoni tal-Impatt

[6] ICF (2017), Evalwazzjoni, p. 36.

Din il-proposta hija appoġġata minn Valutazzjoni tal-Impatt li tkopri kemm il-proposti għal emenda għar-Regolament tal-EIT (riformulazzjoni) kif ukoll għal ASI tal-EIT għall-perjodu 2021-2027.

Din il-valutazzjoni tal-impatt tibni fuq il-Valutazzjoni tal-Impatt li saret għal Orizzont Ewropa. L-opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ngħatat fil-5 ta' April 2019.

Il-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta tidentifika dawn l-alternattivi ta' politika li ġejjin: l-alternattiva tax-xenarju bażi u żewġ alternattivi differenti li jindirizzaw il-problemi u l-kwistjonijiet tekniċi enfasizzati fil-valutazzjoni tal-impatt.

L-alternattiva 1 tax-xenarju bażi tirrappreżenta l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tal-EIT kif inhuma llum bl-aġġustamenti meħtieġa biss biex jiġu allinjati mal-proposta għal Orizzont Ewropa. L-alternattiva 2 tibni fuq ix-xenarju bażi. Barra minn hekk, din tinkludi l-adozzjoni ta' għadd ta' miżuri tekniċi biex jitjieb il-funzjonament tal-EIT, u tipproponi azzjoni ġdida li trawwem l-edukazzjoni intraprenditorjali madwar l-Ewropa. L-alternattiva 3 hi differenti mill-alternattiva 2 fis-sens li din twaqqaf Ċentru tal-EIT f'kull Stat Membru biex jiżdied l-impatt tal-attivitajiet tal-EIT madwar l-Ewropa kollha.

L-alternattiva 2 ġiet identifikata bħala l-għażla ppreferuta għax tikseb l-aqwa bilanċ fejn jidħol l-ilħuq tal-objettivi tal-inizjattiva filwaqt li tikkunsidra r-riżorsi disponibbli u toffri l-aqwa impatti ekonomiċi u tas-soċjetà. Din tinvolvi wkoll titjib sinifikanti tal-EIT fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tal-Kummissjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposta kif ukoll ir-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa huma deskritti fid-dettall fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva[7].

ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma għodod fundamentali biex jitkejjel l-impatt tal-EIT u se jkomplu jissaħħu u jittejbu kontinwament tul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Minħabba n-natura tal-mudell tal-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien, hu importanti li jiġi applikat qafas tal-monitoraġġ li jippermetti l-flessibbiltà fil-livelli rilevanti kollha u li jiżgura koerenza mal-objettivi ġenerali ta' Orizzont Ewropa u l-impatti mixtieqa.

Il-monitoraġġ

[7] Dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva għall-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni) u għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) 2021-2027: Nixprunaw il-Talent u l-Kapaċità tal-Innovazzjoni tal-Ewropa.

Il-monitoraġġ tal-inputs, tal-outputs, tar-riżultati u tal-impatti kollha identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta se jsir permezz ta' indikaturi. Dawn l-indikaturi diġà jeżistu u jintużaw mill-EIT. Kull meta ma jkunux jeżistu, jiġu żviluppati indikaturi ġodda biex l-EIT ikun jista' jimmonitorja l-kisba tal-objettivi tiegħu.

B'mod parallel u b'konformità sħiħa mal-għodod eżistenti tal-monitoraġġ, se jkun hemm tentattivi biex jinkiseb allinjament mill-qrib bejn id-dispożizzjonijiet tal-monitoraġġ tal-EIT u dawk stabbiliti għal Orizzont Ewropa. Pereżempju, l-EIT se jallinja l-għodod tal-monitoraġġ tiegħu mal-Mogħdijiet tal-Impatt ta' Orizzont Ewropa li jippruvaw jindirizzaw il-ħtieġa għal indikaturi tal-impatti xjentifiċi, ekonomiċi u soċjetali b'mod aktar komprensiv. L-EIT se jkollu r-responsabbiltà li jimmonitorja b'mod regolari l-prestazzjoni operattiva tal-KICs u li jadatta kontinwament is-sistemi tal-monitoraġġ u tar-rapportar tiegħu. Ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ jikkontribwixxu għall-proċessi tal-ippjanar tan-negozju tal-KICs u għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-EIT dwar l-allokazzjoni tal-baġit u t-tħejjija tal-ftehimiet qafas ta' sħubija mal-KICs bħala benefiċjarji. Ir-riżultati tal-monitoraġġ jenħtieġ jikkontribwixxu kontinwament għall-proċess tat-tfassil tal-politika.

L-evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-EIT se tagħmilha l-Kummissjoni b'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament tal-EIT emendat u se tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni ġenerali tal-programm Orizzont Ewropa li se ssir f'nofs il-perjodu u *ex post*. Din tinkludi valutazzjoni tas-sinerġiji tal-EIT mal-istrumenti l-oħra tal-programm.

Fir-rigward tal-KICs, se jintuża qafas ta' indikaturi speċifiku biex jivvaluta l-prestazzjoni tal-KICs tul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (dettaljat fil-proposta għal ASI ġdida). Dan il-qafas jieħu minn indikaturi attwali u preċedenti u jneħħi l-lakuni u n-nuqqasijiet identifikati fis-sistema tal-kejl tal-prestazzjoni eżistenti. Dan hu allinjat ukoll mal-qafas tal-indikaturi ta' Orizzont Ewropa.

- **Spjegazzjoni tal-bidliet ewlenin fid-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 5 – Il-korpi tal-EIT – il-proposta ssaħħaħ ir-rwol tal-Kumitat Eżekuttiv bħala korp speċifiku tal-EIT, tenfasizza l-kontabbiltà tad-Direttur lejn il-Bord tat-Tmexxija u ssaħħaħ l-indipendenza tal-Funzjoni tal-Awditjar Intern.

L-Artikolu 6 – Kompiti – il-proposta fiha diversi preċiżjonijiet tal-kompiti eżistenti tal-EIT u tisħaq fuq l-importanza tal-kompitu tal-EIT li jiżgura livell xieraq ta' koordinazzjoni u jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-koperazzjoni tematika bejn il-KICs. Dan jintroduċi kompitu ġdid tal-EIT li jfassal u jikkoordina l-azzjonijiet ta' appoġġ imwettqa mill-KICs għall-iżvilupp tal-kapaċità intraprenditorjali u tal-innovazzjoni tal-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Ogħla u għall-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistemi tal-innovazzjoni.

L-Artikolu 10 – Prinċipji għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-KICs – il-proposta taġġorna r-referenza għall-programm qafas tal-Unjoni li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni fir-rigward tal-indikaturi għall-monitoraġġ kontinwu u l-evalwazzjonijiet esterni perjodiċi tal-KICs.

L-Artikolu 11 – Id-durata, il-kontinwazzjoni u t-terminazzjoni ta' KIC — il-proposta tirrinforza r-rieżami komprensiv ta' nofs it-terminu ta' kull KIC qabel l-iskadenza tal-ftehim qafas ta' sħubija inizjali u tintroduċi l-kunċett ta' memorandum ta' koperazzjoni, bħala mezz

fakultattiv li jiżgura r-relazzjoni bejn l-EIT u l-KICs wara d-data tat-tmiem tal-ftehim qafas ta' sħubija.

L-Artikolu 17 – Il-finanzjament tal-KICs – il-proposta tmexxi l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 attwali dwar ir-riżorsi finanzjarji tal-EIT fl-ewwel paragrafu emendat tal-Artikolu 20 dwar il-baġit tal-EIT, flimkien ma' ftit modifiki. Barra minn hekk, dan jipprovdi l-prinċipju għall-mudell rivedut ta' finanzjament tal-EIT fis-sens li l-kontribuzzjoni tal-EIT lill-KICs tista' tkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-attivitajiet ta' valur miżjud tal-KICs fl-istadji inizjali tal-ħajja tal-KICs biss. Din il-kontribuzzjoni għandha tonqos gradwalment maż-żmien b'konformità mar-rati ta' kofinanzjament definiti fl-ASI. Jenfasizza wkoll l-importanza tas-sostenibbiltà finanzjarja tal-KICs fi ħdan il-mekkaniżmu ta' allokazzjoni kompetittiv tal-EIT.

L-Artikolu 20 – Il-baġit tal-EIT – il-proposta tiddefinixxi l-finanzjament tal-EIT u s-sors tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT lill-KICs.

L-Anness I – L-Istatuti tal-EIT – l-emendi proposti għall-Istatuti tal-EIT biex jiċċaraw ir-rwoli tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT, tal-Kumitat Eżekuttiv u tad-Direttur, isaħħu r-rwol tal-Bord tat-Tmexxija fejn jidħlu l-monitoraġġ, is-superviżjoni u t-tmexxija tal-KICs u jiċċaraw ir-rwol tal-Kummissjoni b'rabta mal-EIT biex din tirrifletti l-obbligi tagħha mil-lat ta' monitoraġġ u ġestjoni finanzjarja tajba. Il-proposta fiha rekwiżit ġdid għal ftehim mill-Kummissjoni dwar għadd limitat ta' kwistjonijiet strateġiċi deċiżi mill-Bord tat-Tmexxija (eż. prinċipji ta' monitoraġġ u allokazzjoni finanzjarja). Fl-aħħar nett, il-proposta tneħħi r-referenza għal "kuntratti għal żmien fiss" tal-persunal tal-EIT biex tiżgura l-kontinwità u l-iżvilupp professjonali tiegħu, b'mod komparabbli mar-reġim applikabbli għall-aġenziji tal-UE.

↓ 294/2008 (adapted)
⇨ new

2019/0151 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

~~li jistabbilixxi~~ ⌦ dwar ⌫ l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ZEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, u b'mod partikolari l-Artikolu ~~157(3)~~ ⌦ 173(3) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ⌦ Ewropea ⌫ ,

⇨ Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali, ⇦

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura ~~stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat~~ ⌦ leġiżlattiva ordinarja ⌫ ,

Billi:

⇩ new

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] ġie emendat b'mod sostanzjali.[11]. Peress li jridu jsiru iżjed emendi, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi riformulat fl-interess taċ-ċarezza.

↓ 294/2008 recital 1 (adapted)

~~L-Aġenda ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi tenfasizza l-bżonn li jiġu żviluppati l-kundizzjonijiet li jkunu attraenti għall-investiment fil-konoxxenza u fl-innovazzjoni fl-Ewropa biex jiġu stimulati l-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi fl-Unjoni Ewropea.~~

[8] ĠU C […], […], p. […].

[9] ĠU C […], […], p. […].

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 097, 9.4.2008, p. 1).

[11] Ara l-Anness II.

🡻 294/2008 recital 2 (adapted)

(2) L-Istati Membri huma responsabbli primarjament għas-sostenn ta’ bażi Ewropea soda, industrijali, kompetittiva u innovattiva. Madankollu, in-natura u d-daqs tal-isfida tal-innovazzjoni fl-Unjoni ~~Ewropea~~ jeħtieġu wkoll li tittieħed azzjoni fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ .

🡻 294/2008 recital 3 (adapted)

~~Il-Komunità jenħtieġ tipprovdi appoġġ għat-trawwim tal-innovazzjoni, b’mod partikolari permezz tas-Seba’ Programm Kwadru għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u Attivitajiet ta’ Dimostrazzjoni, il-Programm Kwadru ta’ Innovazzjoni u Kompetittività, il-Programm ta’ Tagħlim tul il-Hajja u l-Fondi Strutturali.~~

🡻 294/2008 recital 4 (adapted)

(3) ~~Jenħtieġ tiġi stabbilita inizjattiva ġdida fil-livell Komunitarju,~~ ~~l~~L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (~~minn hawn ’il quddiem imsejjaħ~~ “l-EIT”) ~~biex tikkomplementa l-linji politiċi u l-inizjattivi Komunitarji u nazzjonali~~ ⌦ jenħtieġ jiġi stabbilit biex jikkumplimenta l-politiki u l-inizjattivi tal-Unjoni u nazzjonali ⌫ eżistenti permezz tat-trawwim tal-integrazzjoni tat-trianglu tal-għarfien — l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni ogħla — mal-Unjoni ~~Ewropea~~ kollha.

🡻 294/2008 recital 5 (adapted)

~~Il-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta’Ġunju 2006 stieden lill-Kummissjoni tħejji proposta formali għall-istabbiliment tal-EIT biex jiġi ppreżentat fil-ħarifa tal-2006.~~

🡻 294/2008 recital 6 (adapted)

~~Primarjament, l-EIT jenħtieġ ikollu l-objettiv li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kapaċità ta’ innovazzjoni tal-Komunità u tal-Istati Membri, billi jinvolvi l-attivitajiet ta’ edukazzjoni ogħla, riċerka u innovazzjoni fl-ogħla standards. B’hekk, l-EIT jenħtieġ ikun jista’ jiffaċilita u jsaħħaħ in-networking u l-kooperazzjoni u joħloq sinerġiji bejn komunitajiet tal-innovazzjoni fl-Ewropa.~~

⇩ new

(4) Qabelxejn, l-EIT, permezz tal-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (“il-KICs”) tiegħu, jenħtieġ ikollu l-għan li jsaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni li jindirizzaw l-isfidi globali. Primarjament, l-EIT jenħtieġ ikollu l-objettiv li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri, bl-ogħla standards. Biex jilħaq dan l-objettiv, l-EIT jenħtieġ jiffaċilita u jsaħħaħ in-networking u l-koperazzjoni u joħloq sinerġiji bejn il-komunitajiet differenti tal-innovazzjoni fl-Ewropa.

⬇ 294/2008 recital 22 (adapted)
⇨ new

(5) L-oqsma prijoritarji u l-ħtiġijiet finanzjarji ~~għall-perjodu fit-tul~~ strateġiċi għall-EIT għall-perjodu ta’ seba’ snin ⇨ , li jkopru l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (“il-QFP”) rispettiv, ⇦ jenħtieġ jiġu stabbiliti f’Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni (~~minn hawn ’il quddiem imsejħa~~ “l-ASI”). ⇨ L-ASI jenħtieġ tiżgura allinjament mal-programm qafas tal-Unjoni li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni u jenħtieġ trawwem sinerġiji ma’ programmi rilevanti oħra tal-Unjoni tal-QFP kif ukoll ma’ inizjattivi, politiki u strumenti oħra tal-Unjoni, b’mod partikolari ma’ dawk li jappoġġaw l-edukazzjoni u l-iżvilupp reġjonali. ⇦ Minħabba l-importanza tal-ASI għall-politika tal-innovazzjoni ~~Komunitarja~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ u s-sinifikat politiku li jirriżulta tal-impatt soċjoekonomiku tagħha ~~għall-Komunità~~ ⌦ għall-Unjoni, ⌫ l-ASI jenħtieġ tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi ta’ proposta tal-Kummissjoni ~~mħejjija abbażi ta’ abbozz previst~~ ⇨ abbażi ta’ kontribut ⇦ mogħti mill-EIT.

⬇ 294/2008 recital 7
⇨ new

(6) ⇨ B’konformità mal-programm qafas tal-Unjoni li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni, ⇦ l-attivitajiet tal-EIT jenħtieġ jindirizzaw sfidi strateġiċi fit-tul għall-innovazzjoni fl-Ewropa, b’mod partikolari f’oqsma transdixxiplinari u/jew interdixxiplinari, inkluż dawk li diġà ġew identifikati fil-livell Ewropew. B’dan, l-EIT jenħtieġ jippromwovi djalogu perjodiku fis-soċjetà ċivili.

⬇ 294/2008 recital 8

(7) L-EIT jenħtieġ jagħti prijorità li jittrasferixxi l-attivitajiet tiegħu tal-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni lill-kuntest tan-negozju u lill-applikazzjoni kummerċjali tagħhom, kif ukoll li jappoġġa l-ħolqien ta’ negozji ġodda, spin-offs u intrapriżi żgħar u medji (SMEs).

⬇ 294/2008 recital 9 (adapted)
⇨ new

(8) Qabelxejn, l-EIT jenħtieġ jopera permezz ta’~~,~~ ⌦ ⌫⇨ ⇦S~~s~~ħubiji Ewropej awtonomi u mmexxija mill-eċċellenza fuq skala kbira ta’ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, organizzazzjonijiet tar-riċerka, kumpaniji u partijiet konċernati oħra fil-forma ta’ networks strateġiċi sostenibbli u fit-tul li jsostnu lilhom innifishom fil-proċess tal-innovazzjoni. Dawk~~n~~ is-sħubiji jenħtieġ ikunu magħżula mill-Bord tat-Tmexxija tal-EIT abbażi ta’ proċess trasparenti u msejjes fuq l-eċċellenza ⇨ , skont il-kriterji tal-programm qafas tal-Unjoni li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni għall-għażla tas-Sħubiji Ewropej, ⇦ u nominati bħala ~~Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (minn hawn ’il quddiem imsejħa~~ KICs~~)~~.

⇩ new

(9) Filwaqt li titqies l-ispeċifiċità tal-KICs, hu meħtieġ li jiġu previsti kundizzjonijiet minimi speċjali biex tiġi ffurmata KIC, b’deroga mir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-

disseminazzjoni tal-programm qafas tal-Unjoni li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni. Bl-istess mod, jaf ikun hemm bżonn regoli speċifiċi dwar is-sjieda, id-drittijiet tal-aċċess, l-isfruttament u d-disseminazzjoni għall-attivitajiet ta' valur miżjud tal-KIC.

⬇ 294/2008 recital 9
⇨ new

(10) Il-Bord tat-Tmexxija jenħtieġ imexxi wkoll l-attivitajiet tal-EIT ⇨ u jikkoordina r-rappurtar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet ⇦ ~~u jevalwa l-attivitajiet~~ tal-KICs ⇨ b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-programm qafas tal-Unjoni li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni ⇦ . Is-Sħubija tal-Bord tat-Tmexxija jenħtieġ tibbilanċja l-esperjenza bejn id-dinja tan-negozju u d-dinja tal-edukazzjoni ogħla u/jew tar-riċerka kif ukoll tas-settur tal-innovazzjoni.

⬇ 294/2008 recital 10

(11) Biex jikkontribwixxu għall-kompetittività u jirrinforzaw l-attrattività internazzjonali tal-ekonomija Ewropea u l-kapaċità tal-innovazzjoni tagħha, l-EIT u l-KICs jenħtieġ ikunu kapaċi jattiraw organizzazzjonijiet sħab, riċerkaturi u studenti minn madwar id-dinja kollha, inkluż billi jħeġġu l-mobbiltà tagħhom, kif ukoll ikunu kapaċi jikkoperaw ma' organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi.

⬇ 294/2008 recital 11
⇨ new

(12) Ir-relazzjonijiet bejn l-EIT u l-KICs jenħtieġ ikunu bbażati fuq ftehimiet ~~kuntrattwali~~ ⇨ qafas ta' sħubija u ftehimiet tal-għotjiet ⇦ li jistabbilixxu d-drittijiet u l-obbligi tal-KICs, u, jiżguraw livell adegwat ta' koordinazzjoni u jiddeskrivu l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet u l-kisbiet tal-KICs. ⇨ Il-ftehim qafas ta' sħubija jenħtieġ jiżgura l-kontinwità tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT lil xi KIC lil hinn mill-QFP rispettiv. B'deroga mir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] (ir-"Regolament Finanzjarju"), l-EIT jenħtieġ ikun jista' jistabbilixxi dan il-ftehim qafas ta' sħubija għal perjodu inizjali ta' seba' snin u jestendih lil hinn minn dak il-perjodu għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn seba' snin. ⇦

⬇ 294/2008 recital 12 (adapted)
⇨ new

(13) L-edukazzjoni ogħla teħtieġ is-sostenn bħala komponent integrali, xi minn daqqiet nieqes, ta' strateġija komprensiva tal-innovazzjoni. ⇨ Il-ftehimiet qafas ta' sħubija ⇦ ~~Il-ftehim~~ ⌦ u l-ftehimiet tal-għotjiet ⌫ bejn l-EIT u l-KICs jenħtieġ ikunu jipprevedu li l-lawrji u d-diplomi mogħtija permezz tal-KICs jenħtieġ jingħataw mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla parteċipanti, li jenħtieġ jitħeġġu jimmarkawhom ukoll bħala lawrji u diplomi tal-EIT. ⇨ Barra minn hekk, l-EIT jenħtieġ isaħħaħ u

---

[12] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

jwessa' l-ambitu tal-lawrji u tad-diplomi bit-tikketta tal-EIT biex jiżdied ir-rikonoxximent tagħhom barra mill-Komunità tal-EIT. ⇦ Permezz tal-attivitajiet u l-ħidma tiegħu, l-EIT jenħtieġ jippromwovi l-mobbiltà ⇨ għall-istudenti, ir-riċerkaturi u l-persunal ⇦ ~~fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka u fiż-Żona tal-Edukazzjoni Ogħla, u jħeġġeġ it-trasferibbiltà tal-għotjiet mogħtija lir-riċerkaturi u lill-istudenti fil-kuntest tal-KICs~~. Dawkn l-attivitajiet kollha jenħtieġ jitwettqu mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali~~[13].

🡇 294/2008 recital 13

~~L-EIT jenħtieġ jistabbilixxi linji gwida ċari u trasparenti għall-amministrazzjoni tal-proprjetà intellettwali, li jenħtieġ irawmu l-użu ta' proprjetà intellettwali skont kundizzjonijiet xierqa. Dawn il-linji gwida jenħtieġ jipprevedu li jitqiesu kif xieraq il-kontribuzzjonijiet li jridu jagħmlu diversi organizzazzjonijiet sħab tal-KICs, irrispettivament mid-daqs tagħhom. Fil-każ tal-attivitajiet iffinanzjati mill-Programmi Kwadri Komunitarji għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, jenħtieġ japplikaw ir-regoli ta' dawk il-programmi.~~

🡇 294/2008 recital 14 (adapted)

(14) Jenħtieġ jiġu adottati dispożizzjonijiet adattati li jiggarantixxu r-responsabbiltà u t-trasparenza tal-EIT. Jenħtieġ li fl-Istatuti tal-EIT jiġu stabbiliti regoli adattati li ~~jiggovernaw~~ ⌦ jirregolaw ⌫ ⌦ il-governanza u ⌫ l-funzjonament tiegħu.

🡇 294/2008 recital 15 (adapted) ⇨ new

(15) L-EIT jenħtieġ ikollu personalità ġuridika u, biex tkun żgurata l-awtonomija u l-indipendenza funzjonali tiegħu ⇨ mill-awtoritajiet nazzjonali u minn pressjonijiet esterni, dan jenħtieġ ⇦ jamministra l-baġit tiegħu stess li d-dħul tiegħu jenħtieġ ikun jinkludi kontribuzzjoni ⌦ tal-Unjoni ⌫ ~~mill-Komunità~~.

🡇 294/2008 recital 16 (adapted) ⇨ new

(16) ~~L-EIT jenħtieġ jipprova jiġbor kontribuzzjoni finanzjarja, f'daqs li dejjem jikber, mingħand is-settur privat u minn dħul iġġenerat mill-attivitajiet tiegħu stess. Għalhekk,~~ Hhuwa mistenni li l-industrija, is-setturi finanzjarji u tas-servizzi jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-baġit ~~tal-EIT u b'mod partikolari għall-baġit~~ tal-KICs. Il-KICs jenħtieġ jimmiraw li jżidu kemm jista' jkun is-sehem tal-kontribuzzjonijiet mingħand is-settur privat ⇨ u li jiksbu ċerta sostenibbiltà finanzjarja ⇦ . Il-KICs u l-organizzazzjonijiet sħab tagħhom jenħtieġ jippubbliċizzaw il-fatt li l-attivitajiet tagħhom iseħħu fil-kuntest tal-EIT u li dawn jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni ~~Ewropea~~.

---

[13] Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22). ~~Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1430/2007 (ĠU L 320, 6.12.2007, p. 3).~~

🡻 294/2008 recital 17

Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-EIT jenħtieġ tiffinanzja l-ispejjeż li jirriżultaw mill-istabbiliment, l-amministrazzjoni u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-EIT u tal-KICs. Biex ikun evitat il-finanzjament doppju, dawn l-attivitajiet jenħtieġ ma jkunux jibbenefikaw simultanjament minn xi kontribuzzjoni mingħand xi programmi Komunitarji oħra, bħall-Programm Kwadru għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni, il-Programm Kwadru ta' Kompetittività u Innovazzjoni, il-Programm integrat ta' Tagħlim Tul il-Ħajja jew mill-Fondi Strutturali. Barra minn hekk, jekk xi KIC jew l-organizzazzjonijiet sħab tagħha japplikaw direttament għal assistenza Komunitarja minn dawn il-programmi jew għal fondi, l-applikazzjonijiet tagħhom jenħtieġ jiġu trattati mingħajr preferenza fuq applikazzjonijiet oħrajn.

🡻 294/2008 recital 18 (adapted)

(17) Il-proċedura baġitarja Komunitarja ⌦ tal-Unjoni ⌫ jenħtieġ tkun tapplika sa fejn ikunu kkonċernati s-sussidju Komunitarju u kwalunkwe għotja oħra ⌦ tkun ikkonċernata l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ⌫ li tkun imħallsa mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea⌦ ⌫ . L-awditjar tal-kontijiet jenħtieġ tagħmlu l-Qorti tal-Awdituri skont ⌦ ir-Regolament Finanzjarju ⌫ ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[14].

🡻 294/2008 recital 19

Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-perjodu 2008-2013 li se jkun ir-referenza prinċipali għall-awtorità baġitarja, skont it-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja soda[15].

🡻 294/2008 recital 20 (adapted)

(18) L-EIT hu korp stabbilit mill-Komunitajiet ⌦ mill-Unjoni ⌫ skont it-tifsira tal-Artikolu 70185(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⌦ tar-Regolament Finanzjarju ⌫ u jenħtieġ jadotta r-regoli finanzjarji tiegħu skont dan. Għaldaqstant ⌦ ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament Finanzjarju[16]⌫ ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-

[14] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE), Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).

[15] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1. Il-Ftehim Interistituzzjonali kif emendat bid-Deċiżjoni 2008/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 6, 10.1.2008, p. 7).

[16] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1).

~~Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002~~[17] jenħtieġ ikun japplika għall-EIT.

➔ 294/2008 recital 21 (adapted)
⇨ new

(19) L-EIT jenħtieġ jipproduċi rapport annwali ⇨ konsolidat ⇦ li jiddeskrivi ⌦ ⌫ l-attivitajiet imwettqa⇨ u r-riżultati tal-operazzjonijiet ⇦ fis-sena kalendarja preċedenti ~~u programm progressiv triennali ta' ħidma~~ ⇨ . L-EIT jenħtieġ joħloq rapport uniku ta' programmazzjoni, ⇦ li jiddeskrivi l-inizjattivi ppjanati tiegħu ⇨ mil-lat ta' programmazzjoni annwali u multiannwali ⇦ u li jippermetti lill-EIT jirreaġixxi għal żviluppi interni u esterni fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-edukazzjoni ogħla, tal-innovazzjoni u ta' oqsma rilevanti oħrajn. ~~Dawn id-dokumenti jenħtieġ jiġu trażmessi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni għall-finijiet ta' informazzjoni. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenħtieġ ikunu intitolati li jippreżentaw opinjoni dwar l-abbozz tal-ewwel programm ta' ħidma triennali tal-EIT.~~

➔ 294/2008 recital 23 (adapted)
⇨ new

(20) Hu xieraq li l-Kummissjoni tibda ~~evalwazzjoni~~ ⌦ evalwazzjonijiet ⌫ indipendenti u esterni tal-operat tal-EIT, ⇨ inkluż tal-KICs ⇦ , b'mod partikolari bil-ħsieb li tħejji l-ASI. ⇨ Dawk l-evalwazzjonijiet jenħtieġ jeżaminaw kif l-EIT iwettaq il-missjoni tiegħu, ikopru l-attivitajiet kollha tal-EIT u tal-KICs u jenħtieġ jivvalutaw ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, il-valur miżjud Ewropew, u l-koerenza tagħhom. Dawk l-evalwazzjonijiet jenħtieġ jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet tal-programm tal-Kummissjoni previsti fil-programm qafas tal-Unjoni li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni. ⇦ ~~Meta xieraq, il-Kummissjoni jenħtieġ tagħmel proposti biex temenda dan ir-Regolament.~~

➔ 294/2008 recital 24 (adapted)

~~Jixraq li l-implimentazzjoni tal-EIT tkun gradwali u maqsuma f'fażijiet, bil-ħsieb tal-iżvilupp fit-tul tagħha. Hemm bżonn fażi inizjali b'għadd limitat ta' KICs biex ikun evalwat sew il-funzjonament tal-EIT u tal-KICs u, fejn meħtieġ, biex isir bosta titjib. Fi żmien tmintax-il xahar minn meta jiġi stabbilit, il-Bord tat-Tmexxija jenħtieġ jagħżel żewġ jew tliet KICs f'oqsma li jgħinu lill-Unjoni Ewropea taffaċċja l-isfidi attwali u futuri, li jistgħu jinkludu oqsma bħall-bidla fil-klima, l-enerġija rinnovabbli u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss. L-għażla u l-ħatra ta' aktar KICs jenħtieġ ikunu jistgħu jsiru wara l-adozzjoni tal-ewwel ASI, li, biex jindirizza l-perspettiva fit-tul, jenħtieġ tkun tinkludi wkoll modalitajiet dettaljati dwar l-operat tal-EIT.~~

➔ 294/2008 recital 25 (adapted)

(21) Ladarba ~~l-għan~~ ⌦ l-objettivi ⌫ ta' ⌦ dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed ⌫ ~~l-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri l-istabbiliment tal-EIT, ma jistax~~

---

[17] ~~ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.~~

~~jinkiseb suffiċjentement~~ mill-Istati Membri ~~u~~ ⌦ iżda ⌫ ⌦ jistgħu minflok ⌫ ~~jista' għalhekk~~, għal raġunijiet ta' skala u ta' transnazzjonalità, ~~jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju~~ ⌦ jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni ⌫ , ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat ⌦ dwar l-Unjoni Ewropea ⌫ . B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex ⌦ jintlaħqu dawk l-objettivi ⌫ ~~jinkisbu dawk l-għanijiet~~,

---

🡻 294/2008 (adapted)

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Huwa b'dan stabbilit Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ~~(minn hawn 'il quddiem imsejjaħ~~ "l-EIT") .

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

🡻 1292/2013 Art. 1.1(a)

(1) "innovazzjoni" tfisser il-proċess, inkluż l-eżitu tiegħu, li permezz tiegħu jiddaħħlu ideat ġodda b'suċċess f'suq eżistenti li jkunu jirrispondu għad-domanda u l-ħtiġijiet tas-soċjetà jew għal dawk ekonomiċi u li jkunu jiġġeneraw prodotti, servizzi, jew mudelli tan-negozju u tal-organizzazzjoni ġodda, jew li jkunu kapaċi joħolqu swieq ġodda u jipprovdu ċertu valur lis-soċjetà;

🡻 1292/2013 Art. 1.1(b)
⇨ new

(2) "Komunità tal-Għarfien u l-Innovazzjoni" (KIC) tfisser sħubija awtonoma ⇨ Ewropea fuq skala kbira ⇦ ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, organizzazzjonijiet tar-riċerka, kumpaniji u partijiet konċernati oħra fil-proċess tal-innovazzjoni fil-forma ta' network strateġiku, irrispettivament mill-forma ġuridika preċiża tagħha, ibbażata fuq ippjanar konġunt tal-innovazzjoni għal perjodu medju u fit-tul biex jingħelbu l-isfidi tal-EIT u jingħata kontribut ħalli jintlaħqu l-objettivi stabbiliti ~~bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] ("Orizzont 2020")~~ ⇨ bil-programm qafas tal-Unjoni li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni ⇦ ;

---

[18] ~~Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-11 ta' Diċembru 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont 2020 – Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).~~

🡻 1292/2013 Art. 1.1(c)

~~3. “ċentru ta’ kolokazzjoni” tfisser żona ġeografika fejn huma bbażati s-sħab ewlenin tat-trianglu tal-għarfien u jistgħu jinteraġġixxu faċilment, u dan ikun jipprovdi l-punt fokali għall-attività tal-KICs f’dik iż-żona;~~

🡻 1292/2013 Art. 1.1(e)
⇨ new

(3)~~5.~~ “organizzazzjoni sieħba” tfisser ~~organizzazzjoni~~ ⇨ entità ġuridika ⇦ li hija membru ta’ KIC u li tista’ tinkludi, b’mod partikolari, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, ⇨ fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, ⇦ organizzazzjonijiet tar-riċerka, kumpaniji pubbliċi jew privati, istituzzjonijiet finanzjarji, awtoritajiet reġjonali u lokali, fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta’ qligħ;

🡻 294/2008
⇨ new

(4)~~6~~ “organizzazzjoni tar-riċerka” tfisser entità ġuridika pubblika jew privata li fost l-objettivi ewlenin tagħha twettaq żvilupp tar-riċerka jew teknoloġiku;

(5)~~7~~ “istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla” tfisser università jew xi tip ta’ istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla li, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prassi nazzjonali, joffru lawrji u diplomi ⇨ b’mod partikolari ⇦ fil-livell ta’ masters jew dottorat, irrispettivament mid-denominazzjoni tagħha fil-kuntest nazzjonali;

⇩ new

(6) “Komunità tal-EIT” tfisser l-EIT u l-komunità attiva u l-entitajiet ġuridiċi kollha li bbenefikaw jew jibbenefikaw mill-kontribuzzjoni u l-appoġġ finanzjarju tal-EIT;

🡻 294/2008

~~8. “lawrji u diplomi” tfisser kwalifiki li jirriżultaw f’masters jew dottorati mogħtija minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla parteċipanti fil-kuntest tal-attivitajiet tal-edukazzjoni ogħla mwettqin f’KIC;~~

🡻 1292/2013 Art. 1.1(f)
⇨ new

(7)~~9~~ “L-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni” (“ASI”) tfisser dokument ta’ politika li jiddeskrivi l-oqsma ta’ prijorità u l-istrateġija fit-tul tal-EIT għall-inizjattivi futuri, ⇨ il-kapaċità tagħha li tiġġenera l-aqwa valur miżjud tal-innovazzjoni, ⇦ inkluż ħarsa ġenerali tal-attivitajiet ippjanati għall-edukazzjoni ogħla, għar-riċerka u għall-innovazzjoni tul perjodu ta’ seba’ snin ⇨ , li jkopri l-QFP rispettiv ⇦ ;

🡻 1292/2013 Art. 1.1(g)

(8)~~9a~~ "Skema tal-Innovazzjoni Reġjonali" ("RIS") tfisser skema ta' sensibilizzazzjoni mmirata għas-sħubiji bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, il-kumpaniji u partijiet konċernati oħra bil-ħsieb li titrawwem l-innovazzjoni madwar l-Unjoni;

🡻 1292/2013 Art. 1.1(h)
⇨ new

(9)~~10.~~ "Forum tal-Partijiet Konċernati" tfisser pjattaforma miftuħa għar-rappreżentanti ⇨ tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ⇦ awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, entitajiet individwali jew ta' interess organizzat mid-dinja tan-negozju, tal-edukazzjoni ogħla u tar-riċerka, assoċjazzjonijiet, is-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet ragruppati, kif ukoll partijiet konċernati oħra min-naħa tat-trianglu tal-għarfien;

⇩ new

(10) "Pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-KIC" tfisser dokument li jiddeskrivi l-objettivi u l-attivitajiet ta' valur miżjud tal-KIC ippjanati;

🡻 1292/2013 Art. 1.1(h)
⇨ new

(11)~~.~~ "Attivitajiet ta' valur miżjud tal-KIC" tfisser attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet sħab ⇨ tal-KIC ⇦ ~~jew minn entitajiet ġuridiċi tal-KIC, jekk applikabbli,~~ ⇨ skont il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-KIC, ⇦ li jkunu jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tat-trianglu tal-għarfien tal-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż l-attivitajiet tal-istabbiliment, tal-amministrazzjoni u tal-koordinazzjoni tal-KICs, u li jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali tal-EIT;~~.~~

⇩ new

(12) "memorandum ta' koperazzjoni" tfisser ftehim bejn l-EIT u KIC bil-ħsieb li KIC tkun membru attiv tal-Komunità tal-EIT wara d-data tat-tmiem tal-ftehim qafas ta' sħubija, mingħajr l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja mill-EIT;

(13) "sostenibbiltà finanzjarja" tfisser kapaċità ta' KIC li tiffinanzja l-attivitajiet tat-trianglu tal-għarfien tagħha b'mod indipendenti wara d-data tat-tmiem tal-ftehim qafas ta' sħubija.

🡻 1292/2013 Art. 1.2 (adapted)
⇨ new

Artikolu 3

Missjoni u o~~O~~bjettivi

Il-missjoni tal-EIT hi li jikkontribwixxi għal tkabbir u kompetittività ekonomika sostenibbli ~~fl-Ewropa~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫, bit-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni ħalli jingħelbu l-isfidi l-kbar li għandha s-soċjetà ⌦ ⌫ ~~Ewropea~~ . L-EIT għandu jagħmel dan billi jippromwovi sinerġiji u koperazzjoni fost l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-aqwa livell, u billi jintegrahom, inkluż permezz tat-trawwim tal-intraprenditorija.

~~L-Objettivi Ġenerali, l-Objettivi Speċifiċi u l-indikaturi tar-riżultati tal-EIT għall-perjodu mill-2014 sal-2020 huma definiti f'Orizzont 2020.~~

⇩ new

L-EIT għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-programm qafas tal-Unjoni li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni.

🡻 294/2008

Artikolu 4~~17~~

L-ASI

~~1. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011 u mbagħad kull seba' snin, l-EIT għandu jħejji abbozz tal-ASI għal seba' snin u jippreżentah lill-Kummissjoni.~~

🡻 1292/2013 Art. 1.14(a) (adapted)
⇨ new

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fi żmien qasir jew fit-tul, inkluż kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (l-EIT) hu parti integrali tal-proposta tal-Kummissjoni għal Orizzont Ewropa (2021-2027) taħt il-Pilastru tal-Innovazzjoni Miftuħa iżda għandu bażi ġuridika separata (ir-Regolament tal-EIT).

Il-proposta ta' Orizzont Ewropa[30] tikkonferma l-importanza u l-kontribut tal-EIT u tal-KICs tiegħu fit-twettiq tal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE fil-qasam tal-innovazzjoni. Din tipproponi l-baġit tal-EIT għall-2021-2027[31], il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, il-valur miżjud u l-oqsma ewlenin ta' attività tiegħu, filwaqt li tindika rwol rivedut tal-EIT li jsaħħaħ il-kontribut tiegħu għall-objettivi ta' Orizzont Ewropa.

L-inizjattiva għandha l-għan li tagħmel ir-Regolament tal-EIT kompatibbli ma' Orizzont Ewropa u ttejjeb il-funzjonament tal-EIT filwaqt li tqis it-tagħlimiet meħuda tul dawn l-aħħar snin. Għandha l-għan ukoll li tipproponi Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni ġdida (ASI), li tistabbilixxi l-istrateġija u l-prijoritajiet tal-EIT għall-perjodu 2021-2027 u li tiddefinixxi l-objettivi tiegħu, l-azzjonijiet ewlenin, ir-riżultati mistennija u r-riżorsi meħtieġa.

Il-missjoni ġenerali tal-EIT għall-perjodu 2021-2027 hi li jikkontribwixxi għal tkabbir ekonomiku u kompetittività Ewropej sostenibbli billi jsaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni. Dan għandu jagħmlu billi jippromwovi u jintegra edukazzjoni ogħla, riċerka u innovazzjoni tal-aqwa livell.

[29] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.
[30] COM (2018) 435 final.
[31] L-Artikolu 9(2)(c)(2).

L-EIT se jkompli jopera qabelxejn permezz tal-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) tiegħu, li huma sħubiji Ewropej fuq skala kbira li jindirizzaw sfidi tas-soċjetà speċifiċi. Se jkompli jsaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni madwarhom billi jrawwem l-integrazzjoni tat-tliet naħat tat-Triangolu tal-Għarfien. Kull KIC għandha żżomm l-istruttura organizzattiva tagħha, ibbażata fuq "Ċentri ta' Kolokazzjoni", li huma ċ-ċentri ġeografiċi li jġibu flimkien l-atturi tat-Triangolu tal-Għarfien u jippermettu prossimità ġeografika u kollaborazzjoni aktar mill-qrib.

L-EIT se jimplimenta attivitajiet li għandhom l-għan li:

(1) Isaħħu l-ekosistemi tal-innovazzjoni sostenibbli madwar l-Ewropa;

(2) Irawmu l-iżvilupp tal-ħiliet intraprenditorjali u tal-innovazzjoni f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja kif ukoll l-appoġġ għat-trasformazzjoni intraprenditorjali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla tal-UE;

(3) Iġibu soluzzjonijiet ġodda fis-suq għall-isfidi globali.

Fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu, l-EIT se jiżviluppa sinerġiji u jikseb valur miżjud fi ħdan Orizzont Ewropa. L-implimentazzjoni se ssir b'appoġġ għall-KICs u permezz ta' attivitajiet ikkoordinati mill-EIT.

<u>*Appoġġ lill-KICs:*</u>

L-EIT se jikkonsolida t-tmien KICs eżistenti, irawwem it-tkabbir u l-impatt tagħhom, u jimxi magħhom tul it-tranżizzjoni tagħhom għal sostenibbiltà finanzjarja. B'mod partikolari, dan għandu x'jaqsam mal-ewwel mewġa ta' tliet KICs li tnedew fl-2009 (Klima tal-EIT, Settur Diġitali tal-EIT u InnoEnerġija tal-EIT) li l-ftehimiet qafas ta' sħubija tagħhom se jintemmu wara l-2024.

L-EIT se jniedi wkoll żewġ KICs f'oqsma tematiċi speċifiċi biex jindirizzaw l-isfidi u l-ħtiġijiet soċjetali globali futuri (is-sejħiet huma previsti fl-2021 u fl-2024).

L-EIT se jipprovdi appoġġ lill-KICs li qed imexxu l-portafolli tal-attivitajiet tat-triangolu tal-għarfien permezz ta':

1 – *Attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ* b'komponenti qawwija ta' intraprenditorija biex iħarrġu l-ġenerazzjoni li jmiss ta' talenti, inkluż għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi bit-tikketta tal-EIT, b'mod partikolari fil-livell ta' masters u dottorat (it-Tikketta tal-EIT);

2 – *Attivitajiet li jappoġġaw l-innovazzjoni* biex jiġu żviluppati prodotti u servizzi li jindirizzaw opportunità speċifika tan-negozju;

3 – *Attivitajiet ta' ħolqien u appoġġ għan-negozji*, fosthom skemi ta' aċċeleratur biex jgħinu lill-intraprendituri jsarrfu l-ideat tagħhom f'intrapriżi ta' suċċess u jħaffu l-proċess tat-tkabbir.

<u>*Attivitajiet ikkoordinati mill-EIT:*</u>

L-EIT se jimmira li jappoġġa lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla biex jintegraw aħjar fil-ktajjen tal-valur tal-innovazzjoni u fl-ekosistemi. Permezz tal-KICs tiegħu, l-EIT se jimplimenta azzjoni ta' appoġġ li tiġbor flimkien lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla u lil atturi ewlenin oħra fl-innovazzjoni bħan-negozji biex jaħdmu fuq oqsma strateġiċi tal-iżvilupp tal-kapaċità. Is-sħab jaqsmu miri komuni bejniethom u jaħdmu flimkien għal riżultati u eżiti li huma ta' ġid għal xulxin. L-azzjoni se tiżgura approċċ inklużiv biex tattira istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla lil hinn mis-sħab tal-KICs; approċċ interdixxiplinari u intersettorjali; u rabta mal-

Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti tal-Kummissjoni Ewropea, mal-pjattaformi tematiċi rilevanti u mar-RIS tal-EIT.

Permezz tal-Iskema tal-Innovazzjoni Reġjonali u tal-attivitajiet ġodda kkoordinati mill-EIT, l-EIT se jżid is-sensibilizzazzjoni reġjonali fl-innovazzjoni u l-impatt relatat.

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, aktar effettività jew kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" hu l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni u li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

Raġunijiet biex tittieħed azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

In-natura u l-iskala tal-isfidi tal-innovazzjoni jeħtieġu l-mobilizzazzjoni tal-atturi u tar-riżorsi fuq skala Ewropea, billi titrawwem kollaborazzjoni transfruntiera. Jeħtieġ inxejnu l-lakuni bejn id-dixxiplini u tul il-ktajjen tal-valur u nrawmu l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għal skambju effettiv tal-għarfien u tal-għarfien espert, u għall-iżvilupp u l-attrazzjoni ta' talenti imprenditorjali.

Il-valutazzjoni tal-impatt ta' Orizzont Ewropa tidentifika dgħjufijiet strutturali speċifiċi fil-kapaċità tal-innovazzjoni tal-UE li jeħtieġ jiġu indirizzati fil-livell tal-UE, u dan għandu jkun il-fokus tal-kontribut tal-EIT. B'mod partikolari, l-Istituzzjonijiet Ewropej tal-Edukazzjoni Ogħla jeħtieġ jistimulaw l-intraprenditorija, jegħlbu l-fruntieri dixxiplinarji u jistituzzjonalizzaw kollaborazzjonijiet mhux dixxiplinari sodi madwar l-UE bejn l-akkademja u l-industrija. Fost l-ingredjenti ewlenin biex titrawwem ekosistema tal-innovazzjoni hemm l-aċċess għat-talent imprenditorjali, u l-aċċess għal servizzi professjonali, il-kapital u s-swieq fil-livell tal-UE, u t-tlaqqigħ ta' atturi ewlenin tal-innovazzjoni biex jaħdmu favur għan komuni. Hemm bżonn jiġu koordinati l-isforzi madwar l-UE kollha biex tinħoloq massa kritika ta' raggruppamenti u ekosistemi imprenditorjali interkonnessi fl-UE kollha. Dan il-livell ta' firxa u skala tal-intervent imur lil hinn minn dak li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu waħedhom u hemm bżonn intervent fil-livell tal-UE.

Il-valur miżjud tal-UE li mistenni jiġi ġġenerat (*ex post*)

L-EIT hu mistenni jissodisfa l-objettivi tiegħu għall-perjodu 2021-2027 kif deskritt fil-proposta ta' Orizzont Ewropa. Il-benefiċċju speċifiku tal-investiment tal-UE fl-EIT se jwassal:
- biex jinħolqu ambjenti ġodda li jwasslu għal kollaborazzjoni u innovazzjoni;
- biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-innovazzjoni tas-settur akkademiku u tar-riċerka;
- għal ġenerazzjoni ġdida ta' nies intraprenditorjali;
- biex jinħolqu u jiġu żviluppati impriżi innovattivi;
- għal sensibilizzazzjoni reġjonali usa' tal-attivitajiet tal-innovazzjoni tal-EIT.

1.4.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-EIT ġie stabbilit fl-2008 biex jindirizza l-isfidi ewlenin tas-soċjetà billi jtejjeb il-kapaċità u l-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-UE. Fl-2017, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-EIT ikkonkludiet li l-EIT għadu rilevanti ħafna u għandu valur miżjud ċar tal-UE. Ma jeżistux strumenti oħra li jsawru networks tal-innovazzjoni mal-UE kollha fejn jidħlu l-edukazzjoni, ir-riċerka, in-negozju u partijiet konċernati oħra.

L-EIT ħoloq ekosistema Ewropea tal-innovazzjoni b'aktar minn 1200 sieħeb min-negozji, mir-riċerka u mill-edukazzjoni, organizzati fi tmien (8) Komunitajiet tal-

Għarfien u tal-Innovazzjoni (KICs) li jkopru aktar minn 40 ċentru ta' kolokazzjoni. Aktar minn 50 % tas-sħab mis-settur tan-negozju (industrija, SMEs u negozji ġodda) juru li l-istrument hu qrib is-suq. Il-Komunità tal-EIT tikseb ir-riżultati: fis-suq tnedew aktar minn 600 prodott u servizz ġodda, ingħata appoġġ lil aktar minn 1250 negozju ġdid jew impriża innovattiva, sar aktar minn EUR 890 miljun ta' investiment estern; u nħolqu aktar minn 6 000 impjieg. L-ewwel grupp ta' madwar 1 700 persuna li ggradwaw b'masters bit-tikketta tal-EIT issa qed jidħol fis-suq tax-xogħol.

It-tfassil tal-EIT bħala korp indipendenti jippermettilu jkun flessibbli, awtonomu, xprunat min-negozju u rapidu fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Iż-żmien tal-għoti hu 4 xhur meta mqabbel ma' medja ta' 6 xhur f'Orizzont 2020. Ir-regoli għal finanzjament kompetittiv, sostenibbiltà finanzjarja u simplifikazzjoni jrawmu l-innovazzjoni fil-KICs. L-ispejjeż amministrattivi tal-EIT huma baxxi ħafna b'inqas minn 2 % tal-baġit totali meta mqabbla mal-medja ta' 4,6 % rrappurtata għal Orizzont 2020.

Għall-perjodu 2021-2027, it-titjib ewlieni tal-EIT se jkun immirat b'mod partikolari fuq:

- Aktar simplifikazzjoni tal-proċeduri biex il-ġestjoni tal-KICs tkun effiċjenti (eż. b'mekkaniżmu ġdid tal-kofinanzjament, il-multiannwalità tal-għotjiet, eċċ.),

- Appoġġ għal integrazzjoni aħjar tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla fil-ktajjen tal-valur u fl-ekosistemi,

- Indirizzar ta' sfidi aktar globali bit-tnedija ta' 2 KICs ġodda,

- Tisħiħ tal-ftuħ u t-trasparenza tal-KICs u l-allinjament tagħhom mal-approċċ propost għas-Sħubijiet Ewropej permezz ta' Orizzont Ewropa,

- Żieda fl-impatt tal-EIT fil-livelli reġjonali u lokali u b'mod partikolari fil-pajjiżi bi prestazzjoni tal-innovazzjoni aktar baxxa,

- Żieda fil-viżibbiltà tal-azzjoni tal-EIT fl-Istati Membri u lil hinn minnhom,

- Żieda fis-sinerġiji u l-kumplimentaritajiet ma' Orizzont Ewropa u ma' strumenti oħra tal-UE u tal-Istati Membri

1.4.4. *Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Filwaqt li jibni fuq l-ambitu wiesa' tal-azzjoni u r-rwol distintiv tiegħu, l-EIT jinsab f'pożizzjoni tajba biex joħloq sinerġiji u jipprovdi kumplimentaritajiet ma' programmi jew strumenti oħra tal-UE, inkluż billi jsaħħaħ l-appoġġ tiegħu lill-KICs fl-attivitajiet tal-ippjanar u tal-implimentazzjoni tagħhom. Il-lista mhux eżawrjenti ta' hawn taħt tagħti eżempji konkreti fejn l-EIT se jikkontribwixxi għal sinerġiji fiż-żmien medju u fit-tul waqt Orizzont Ewropa u lil hinn minnu.

<u>Orizzont Ewropa:</u> Huma mistennija sinerġiji sodi bejn l-EIT u l-programm kollu ta' Orizzont Ewropa. B'mod partikolari, is-sinerġiji mal-EIC se jkunu kruċjali għall-impatt tal-Pilastru tal-Innovazzjoni Miftuħa u għall-appoġġ lill-ekosistemi.

Fil-Pilastru [Sfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali Ewropea], permezz tal-KICs tiegħu, l-EIT jista' jikkollabora ma' Sħubijiet Ewropej, jikkontribwixxi għall-missjonijiet, jappoġġa miżuri min-naħa tad-domanda u jipprovdi servizzi ta' sfruttament biex jagħti spinta lit-trasferiment tat-teknoloġija u jħaffef il-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati li jiksbu r-raggruppamenti tematiċi jew sħubiji Ewropej oħra.

Erasmus: Erasmus u l-EIT se jistabbilixxu sinerġiji bejn il-komunitajiet rispettivi tagħhom. Il-koperazzjoni se tkun immirata biex tiżgura l-aċċess għall-istudenti tal-Erasmus li jkunu qed jieħdu sehem fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ li huma sħab tal-KICs, għall-iskejjel tas-sajf tal-KICs jew għal attivitajiet ta' taħriġ rilevanti oħrajn (pereżempju, dwar l-intraprenditorija u l-ġestjoni tal-innovazzjoni) u biex tibni kuntatti man-network tal-alunni tal-KICs.

Fejn hu possibbli, se jkunu żgurati sinerġiji mal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej li tista' tgħin biex jiġu integrati l-attivitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-EIT ħalli jitħalla impatt sistemiku.

Il-Programm Ewropa Diġitali (DEP): Iċ-ċentri ta' kolokazzjoni tal-KICs se jikkollaboraw maċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali biex jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali tal-industrija u tal-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku.

Il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni (b'mod partikolari l-FEŻR u l-FSIE+): Il-KICs tal-EIT, permezz taċ-ċentri ta' kolokazzjoni tagħhom, se jippromwovu l-koperazzjoni reġjonali u transreġjonali bejn l-atturi tat-triangolu tal-għarfien (l-edukazzjoni, ir-riċerka, in-negozji) u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, f'sinerġija mal-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea b'rabta mal-koperazzjoni u l-investimenti interreġjonali fi prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti relatati.

InvestEU: Il-KICs tal-EIT se jitolbu l-kollaborazzjoni taċ-Ċentru ta' Konsulenza ta' InvestEU biex jagħtu appoġġ tekniku u assistenza lil impriżi appoġġati mill-KICs għat-tħejjija, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti.

Ewropa Kreattiva: Il-programm se jkun rilevanti b'mod speċifiku għall-attivitajiet tal-KICs futuri b'rabta mas-CCI. Se jiġu żviluppati sinerġiji sodi u kumplimentarjetajiet mal-programm f'oqsma bħall-ħiliet kreattivi, l-impjiegi u l-mudelli tan-negozju.

1.5. **Id-durata u l-impatt finanzjarju**

X durata limitata

X b'effett mill-[01/01]2021 sal-[31/12]2027

X Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sal-2029 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu inizjali minn SSSS sa SSSS,

segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.6. **Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)**[32]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mill-Istati Membri

X Ġestjoni indiretta billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

☐ pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;

☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

X korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

☐ korpi rregolati mil-liġi pubblika;

☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru, li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Jekk tiġi indikata iżjed minn modalità waħda ta' ġestjoni, ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".

---

[32] Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinstabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-ġestjoni u r-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-EIT se japplika qafas tal-evalwazzjoni u tal-monitoraġġ li jippermetti ċerta flessibbiltà f'kull livell rilevanti u jiżgura koerenza mal-objettivi ġenerali ta' Orizzont Ewropa u l-impatti mixtieqa. B'mod partikolari, se jiġu żgurati mezzi ta' rispons bejn il-Kummissjoni, l-EIT u l-KICs biex l-objettivi jiġu indirizzati b'mod konsistenti, koerenti u effiċjenti.

MONITORAĠĠ

Il-monitoraġġ tal-EIT se jiġi stabbilit b'konformità mal-livelli li ġejjin:

1. Wieħed mill-kompiti ewlenin tal-EIT hu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-baġit operazzjonali tiegħu, l-aktar permezz tal-KICs. Il-Kummissjoni se tieħu sehem fil-kodisinn tal-għodod tal-impatt u tal-monitoraġġ rilevanti kollha li jkunu żviluppati jew applikati mill-EIT biex ikunu żgurati l-kompatibbiltà u l-konsistenza mas-sistema ġenerali ta' monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa, inkluż il-mogħdijiet ewlenin tal-impatt, il-qafas tal-kriterji għas-Sħubijiet Ewropej u l-Proċess tal-Ippjanar Strateġiku.

L-EIT se jkollu r-responsabbiltà li jimmonitorja b'mod regolari l-prestazzjoni operazzjonali tal-KICs u li jadatta kontinwament is-sistemi tal-monitoraġġ u tar-rapportar tiegħu. Ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ jikkontribwixxu għall-proċessi tal-ippjanar tan-negozju tal-KICs u għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-EIT dwar l-allokazzjoni tal-baġit, it-tħejjija tal-ftehimiet qafas ta' sħubija u ta' ftehimiet tal-għotja speċifiċi mal-KICs bħala benefiċjarji.

2. Il-monitoraġġ tal-attivitajiet proprji tal-EIT (l-outputs, ir-riżultati u l-impatti tal-attivitajiet) se jżewweġ għadd ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi f'perspettiva ta' żmien medju. Wara l-għoti tal-awtonomija finanzjarja sħiħa lill-EIT f'Jannar 2018, ġie ffirmat Memorandum ta' Ftehim (MoU) bejn l-EIT u l-Kummissjoni (id-DĠ EAC). Dan il-MoU jiddefinixxi l-modalitajiet ta' koperazzjoni bejniethom u l-arranġamenti dettaljati dwar l-għoti tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea lill-EIT.

Dan il-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-EIT se jgħasses il-grad tal-ksib tal-ASI u tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni permezz tal-analiżi tal-indikaturi tiegħu. Pereżempju, dan se jkejjel ukoll il-prestazzjoni tal-EIT fejn jidħol l-għoti tal-appoġġ lill-KICs, il-ġestjoni tal-proġetti marbuta mal-attivitajiet ikkoordinati tal-EIT, l-intensità u l-kopertura tal-avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni u kuntatt (l-għadd ta' sessjonijiet ta' ħidma u l-avvenimenti tal-aqwa prassi), id-disseminazzjoni u l-attivitajiet internazzjonali u l-impatt tal-EIT fl-aġendi usa' tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni tal-politika Ewropea.

3.

L-evalwazzjonijiet perjodiċi tal-attivitajiet tal-EIT, inkluż dawk ġestiti permezz tal-KICs, se jagħmilhom il-Kummissjoni fl-2023 u l-2026 b'konformità mar-Regolament tal-EIT u mar-Regolament ta' Orizzont Ewropa. Dawk l-evalwazzjonijiet se jivvalutaw l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-attivitajiet tal-EIT. Se jkunu bbażati fuq evalwazzjonijiet esterni indipendenti u se jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u

ex post tal-programm ġenerali Orizzont Ewropa biex ikunu żgurati sinerġiji bejn l-EIT u partijiet oħra tal-programm. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' twettaq aktar evalwazzjonijiet fi kwalunkwe ħin dwar temi jew suġġetti ta' rilevanza strateġika. Is-sinerġiji tal-attivitajiet ippjanati tal-EIT ma' programmi oħra tal-UE jenħtieġ ikunu żgurati permezz tal-valutazzjoni li tagħmel il-Kummissjoni tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-EIT.

RAPPURTAR

L-EIT hu korp tal-Unjoni li jirċievi sussidju mill-baġit tal-Unjoni Ewropea. Minn perspettiva ta' ġestjoni u kontroll finanzjarji, l-EIT se jiġi trattat bħal korpi oħra stabbiliti skont it-Trattat. Dan ifisser li l-Ftehim Interistituzzjonali[33] bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-koperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, japplika għall-EIT.

. Fir-rigward tar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ:

• *Id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni (SPD)* tal-EIT, adottat kull sena, fih programm ta' ħidma multiannwali (n+3) u programm ta' ħidma annwali (n+1). Dawn il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu l-programmazzjoni strateġika ġenerali għas-snin minn n+1 sa n+3, inkluż l-objettivi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tal-prestazzjoni biex jissorvelja l-kisba tal-objettivi u r-riżultati. Barra minn hekk, l-SPD se jkun fih, fost affarijiet oħra, stima tad-dħul u tan-nefqa tiegħu; dokument ta' programmazzjoni tar-riżorsi; informazzjoni dwar il-politika tal-bini tiegħu; strateġija biex jinkisbu titjib fl-effiċjenza u sinerġiji; strateġija għall-ġestjoni organizzattiva u s-sistemi tal-kontroll intern, inkluż l-istrateġija tagħhom kontra l-frodi kif aġġornata l-aħħar u indikazzjoni ta' miżuri biex jipprevjenu r-rikorrenza ta' każijiet ta' kunflitt ta' interess, irregolaritajiet u frodi.

• *Ir-Rapport tal-Attività Annwali (AAR)* għas-sena ta' qabel (n-1) se jinkludi r-riżultati tal-proċess tal-monitoraġġ għal n-1 u jiddeskrivi kif u safejn intlaħqu l-objettivi. L-AAR jenħtieġ iqis ir-Rapporti dwar l-Ispiża u l-Prestazzjoni tal-KICs għas-sena preċedenti (n-1) tal-operazzjonijiet tagħhom.

Il-kundizzjonijiet tar-rappurtar tal-KICs ġew stabbiliti skont il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u l-Ftehimiet tal-Għotja (rappurtar dwar il-prestazzjoni u l-ispejjeż). Biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-kosteffettività u abbażi tal-esperjenza miksuba mill-EIT tul l-implimentazzjoni tal-ftehimiet tal-għotja mill-KICs, se jiġu implimentati għadd ta' miżuri ta' simplifikazzjoni fil-proċess tal-ġestjoni tal-għotjiet, li bħala miri ewlenin se jkollhom it-tnaqqis fl-ammont ta' xogħol amministrattiv għall-KICs u ż-żieda fil-kwalità tad-*data* miġbura.

2.2. Sistema(i) ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet tal-pagament u l-istrateġija tal-kontroll proposta

Bħala korp integrat għalkollox fil-programm Orizzont Ewropa, il-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet tal-pagament, u l-istrateġija tal-kontroll proposti huma allinjati ma' dawk ta' Orizzont Ewropa biex ikun żgurat li l-benefiċjarji u l-partijiet konċernati jesperjenzaw approċċ konsistenti fir-rigward tar-regoli tal-eliġibbiltà u l-ġestjoni finanzjarja tajba.

[33] COM (2018) 323 final, tat-2.5.2018

Il-prestazzjoni tal-EIT tul il-perjodu 2014-2020, b'rata tal-errur misjuba konsistentement inqas minn 2 %, hi waħda mill-aħjar fil-familja tar-riċerka, u minħabba d-disinn speċifiku tagħha, din tikkombina r-rati baxxi tal-errur ma' approċċ tal-kontroll li b'użu bir-reqqa tal-esternalizzazzjoni jżomm l-ispejjeż tal-kontroll baxxi filwaqt li jżomm ukoll l-effettività u l-effiċjenza.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i tal-kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom

Filwaqt li jqis il-ħtieġa ċara li l-baġit Ewropew jiġi ġestit b'mod effiċjenti u effettiv, u biex jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba, l-EIT għandu fis-seħħ sistema tal-kontroll intern li tagħti assigurazzjoni raġonevoli li l-errur tul il-perjodu tan-nefqa pluriennali hu sal-limiti, u tabilħaqq aktar baxx mil-limiti proposti b'Orizzont Ewropa. Il-qafas tal-kontroll intern tal-EIT se jibni wkoll fuq: l-istandards tal-Kontroll Intern tal-Kummissjoni, il-proċeduri tal-EIT stess, il-kontrolli *ex ante* ta' 100 % tal-infiq iddikjarat tal-KICs iffinanzjati mill-EIT, iċ-ċertifikati tal-awditjar, iċ-ċertifikazzjoni *ex ante* tal-metodoloġiji tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż, l-awditi *ex post* fuq kampjun ta' talbiet, ir-riżultati tal-proġetti u l-evalwazzjoni esterna.

L-EIT għandu fis-seħħ l-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri interni ta' ġestjoni u kontroll adattati biex iwettaq id-dmirijiet tal-EIT. Dan sar b'konformità mal-istandards adottati mill-Bord tat-Tmexxija abbażi ta' standards ekwivalenti stabbiliti mill-Kummissjoni, u b'kunsiderazzjoni xierqa tar-riskji assoċjati mal-ambjent ta' ġestjoni u man-natura tal-azzjoni ffinanzjata.

L-Eżerċizzju tal-Ġestjoni tar-Riskju jsir kull sena biex itaffi kwalunkwe riskju marbut mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-EIT. F'dan il-kuntest, meta jistabbilixxi l-qafas tal-kontroll intern, l-EIT jenħtieġ iqis ir-riskji tal-attivitajiet implimentati, il-karatteristiċi speċifiċi tal-popolazzjoni u r-rikorrenza tal-benefiċjarji, il-frekwenza tal-għotjiet mogħtija u d-daqs tat-tranżazzjonijiet kif ukoll l-evitar ta' kull duplikazzjoni ta' finanzjament.

Għadd ta' miżuri ta' simplifikazzjoni li daħlu fis-seħħ mill-2014 waslu biex jonqsu r-rati tal-errur. Ir-rata tal-errur misjuba waqt verifika *ex post* tal-għotjiet tal-EIT hi ferm inqas mil-livell ta' materjalità ta' 2 %.

Is-sistema tal-kontroll stabbilita mill-EIT tipprovdi assigurazzjoni raġonevoli li tinkiseb ġestjoni adegwata tar-riskji b'rabta mal-effikaċja u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet, li jkunu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti u li jinkiseb bilanċ bejn il-fiduċja u l-kontroll. Bħala parti mis-sistema tal-kontroll implimentata mill-EIT, l-istrateġija tal-awditjar hija bbażata fuq l-awditjar finanzjarju ta' kampjun rappreżentattiv tan-nefqa fil-baġit kollu tal-EIT, notevolment permezz tal-għotjiet annwali mogħtija lill-KICs fuq bażi annwali. Dan il-kampjun rappreżentattiv jista' jiġi kkumplimentat b'għażla msejsa fuq valutazzjoni tar-riskji relatati man-nefqa waqt il-verifiki *ex ante* ta' 100 % tat-talbiet u l-esperjenza miksuba se tintuża fil-valutazzjoni tal-qafas tal-kontroll tal-ġestjoni tar-riskju għall-implimentazzjoni tal-għotjiet. L-awditi tan-nefqa se jibqgħu jsiru b'mod koerenti skont il-prinċipji tal-ekonomija, tal-effiċjenza u tal-effikaċja.

Fir-rigward tal-qafas tal-kontroll intern tal-EIT, l-EIT żviluppa strateġija ġenerali, li tinkludi struttura superviżorja, dwar l-implimentazzjoni ta' proċessi tal-kontroll intern li jappoġġaw iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tan-nefqa. Il-maniġment superjuri tiegħu jiżgura li din l-istrateġija ġenerali tkun aċċettata formalment mill-Bord tat-Tmexxija u implimentata. Elementi ewlenin ta' din l-istrateġija huma eżerċizzju tal-ippjanar u

tar-rappurtar skont l-istandards tal-Kummissjoni u marbuta mal-Approċċ tal-Ġestjoni tar-Riskju. Barra minn hekk, l-EIT żviluppa wkoll għadd ta' Proċeduri Operattivi Standard (SOPs). Is-SOPs huma struzzjonijiet dettaljati bil-miktub biex tinkiseb uniformità fil-prestazzjoni ta' proċess speċifiku; l-istruzzjonijiet normalment ikopru aktar minn kompitu jew qasam wieħed fi ħdan l-EIT, Unità, Sezzjoni jew tim.

Iċ-ċertifikati tal-awditjar dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jiġu provduti mill-KICs u s-sħab differenti, li permezz tagħhom awdituri indipendenti kkuntrattati mill-EIT jiċċertifikaw il-legalità u l-konformità tal-ammonti ddikjarati fir-rapporti finanzjarji.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"ispejjeż tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju tal-errur (waqt il-ħlas u fit-tmiem)

Abbażi tal-aktar stima riċenti, l-ispiża tal-kontrolli tal-EIT hija inqas minn 3 % tal-fondi ġestiti, flimkien ma' riskju tal-errur ta' 1 %. Regolarment jiġu applikati azzjonijiet korrettivi permezz ta' ċertifikati dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u awditjar *ex post*. Il-kombinazzjoni ta' daqs żgħir u approċċ effettiv u effiċjenti ta' esternalizzazzjoni tippermetti li l-ispejjeż tal-kontrolli jibqgħu baxxi u l-livell ta' assigurazzjoni jkun biżżejjed, kif juru d-dikjarazzjonijiet riċenti tal-assigurazzjoni mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

L-EIT għandu jieħu miżuri xierqa li jiżguraw il-ħarsien tal-interess finanzjarju tal-Unjoni.

L-EIT hu ddeterminat li jiġġieled kontra l-frodi f'kull stadju tal-proċess tal-ġestjoni tal-għotjiet u ta' attivitajiet oħra li jiġu implimentati. Id-deċiżjonijiet kollha adottati u l-kuntratti kollha konklużi mill-EIT jipprevedu espliċitament li l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (l-OLAF) u l-Qorti tal-Awdituri jistgħu jwettqu spezzjonijiet, fuq il-post, tad-dokumenti tal-kuntratturi u tas-subkuntratturi kollha li rċevew fondi tal-Unjoni, inkluż dawk fl-istabbilimenti tal-benefiċjarji finali.

Mill-2015 'l hawn, l-EIT iħaddem Strateġija Kontra l-Frodi konformi ma' dik tal-Kummissjoni u qed itejjeb kontinwament il-miżuri tiegħu biex jipprevjeni u jidentifika l-frodi.

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/L-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

	Linja Baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	01.010101 Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju li jimplimentaw il-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa 01.010102 Persunal estern li jimplimenta l-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa 01.010103 Nefqa maniġerjali oħra għall-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa Intestatura I – Suq Uniku, Innovazzjoni u Qasam Diġitali	Mhux diff[34].	mill-pajjiżi tal-EFTA[35]	mill-pajjiżi kandidati[36]	mill-pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
	01.02.03.XX L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	Diff.	IVA	IVA	IVA	LE

[34] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati

[35] L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[36] Il-pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**I**	Intestatura I – Suq Uniku, Innovazzjoni u Qasam Diġitali

			2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
Titolu I – Baġit tal-EIT (Nefqa għall-persunal)[37]	Impenji = Pagamenti	(1)	5.413	5.588	5.768	5.954	6.147	6.346	6.551		**41.767**
Titolu II – Baġit tal-EIT (Nefqa operattiva u tal-infrastruttura)	Impenji = Pagamenti	(2)	1.309	1.335	1.362	1.389	1.417	1.445	1.474		**9.732**
Titolu III – Baġit tal-EIT (Nefqa operazzjonali) Approprjazzjonijiet operazzjonali (maqsuma skont il-linji baġitarji elenkati taħt 3.1)	Impenji	(3)	386.423	394.190	402.088	410.155	418.460	426.790	435.394		**2 873.500**
	Pagamenti	(4)	270.496	391.860	399.719	407.735	415.969	424.291	432.813	130.618	**2.873.500**
01.02.03.XX L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) – Approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(5)=(1) + (2) +(3)	393.145	401.113	409.218	417.499	426.024	434.581	443.419		**2 925.000**
	Pagamenti	(6)=(1) +(2)+(4)	277.218	398.783	406.849	415.079	423.533	432.082	440.838	130.618	**2.925.000**

[37] L-ispiża tal-persunal tal-EIT u t-Titolu II ġiet ikkalkulata bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni għal HU (71.9), kif indikat fil-paġna 16, it-Tabella 5 ta' https://ec.europa.eu/eurostat/documents/6939681/7070380/Annualreport2018.pdf/97053a94-29eb-4e93-8883-e826426e3d55

01.010101 Nefqa relatata ma’ uffiċjali u persunal temporanju li jimplimentaw il-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa	Impenji = Pagamenti	(7)	0.527	0.545	0.565	0.584	0.605	0.626	0.648		**4.100**
01.010102 Persunal estern li jimplimentaw il-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni HE	Impenji = Pagamenti	(8)	0.108	0.110	0.113	0.115	0.117	0.119	0.122		0.804
01.010103 Nefqa maniġerjali oħra għall-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni HE	Impenji = Pagamenti	(9)	9.445	9.629	9.816	10.006	10.202	10.398	10.600		70.096
Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm[38]	Impenji = Pagamenti	(10)=(7)+ (8) +(9)	10.081	10.285	10.493	10.705	10.924	11.143	11.370		75.000
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-EIT	Impenji	(11) =(5)+(10)	403.226	411.398	419.711	428.204	436.948	445.724	454.789		3 000.000
	Pagamenti	(12)=(6)+(10)	287.299	409.068	417.342	425.784	434.456	443.225	452.208	130.618	3.000.000

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”

Meta timtela din it-taqsima jenħtieġ tintuża “id-*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li qabelxejn trid tiddaħħal fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva, li tittella’ fid-DECIDE għal finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

38 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b’sostenn għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta. Dan jirrappreżenta l-ammont massimu mill-ammont allokat lill-EIT mill-Programm, li għandu jkun iddedikat għan-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni.

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Il-Kummissjoni Ewropea		**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-EIT	(Impenji totali = Pagamenti totali)									

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fost l-INTESTATURI tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-EIT	Impenji	**403.226**	**411.398**	**419.711**	**428.204**	**436.948**	**445.724**	**454.789**		**3 000.000**
	Pagamenti	**287.299**	**409.068**	**417.342**	**425.784**	**434.456**	**443.225**	**452.208**	**130.618**	**3 000.000**

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**TOTAL**
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani. Linja 01.010101 Uffiċjali u Persunal temporanju li jimplimentaw il-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni HE	0.527	0.545	0.565	0.584	0.605	0.626	0.648	**4.100**
Riżorsi umani. Linja 01.010102 Persunal estern li jimplimentaw il-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni HE	0.108	0.110	0.113	0.115	0.117	0.119	0.122	**0.804**
Linja 01.010103 Nefqa maniġerjali oħra għall-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni HE	9.445	9.629	9.816	10.006	10.202	10.398	10.600	**70.096**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	10.081	10.285	10.493	10.705	10.924	11.143	11.370	**75.000**
TOTAL	**10.081**	**10.285**	**10.493**	**10.705**	**10.924**	**11.143**	**11.370**	**75.000**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk ikun hemm bżonn, ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

3.2.2.1 Stima tar-riżorsi umani meħtieġa[39]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tingħata f’unitajiet ekwivalenti ta’ ingaġġ full-time

Snin		**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta’ stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)								
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni		4	4	4	4	4	4	4
Delegazzjonijiet								
Riċerka								
• Persunal estern (f’unità ekwivalenti ta’ ingaġġ full-time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED [40] Intestatura 7								
Iffinazjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm [41]	- fil-Kwartieri Ġenerali	2	2	2	2	2	2	2
	- fid-Delegazzjonijiet							
Riċerka								
Oħrajn (speċifika)								
TOTAL		**6**	**6**	**6**	**6**	**6**	**6**	**6**

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti minn persunal tad-DĠ li diġà kien assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kien ġie ridistribwit fid-DĠ, u jekk ikun hemm bżonn, flimkien ma’ kull allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ ta’ ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	- Preparazzjoni tal-opinjoni tal-Kummissjoni dwar id-Dokument Uniku ta’ Programmazzjoni (SPD); - Preparazzjoni tal-pożizzjoni tal-osservatur tal-Kummissjoni fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT; - Tħejjija tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħatra tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT; - Koordinazzjoni ġenerali ma’ servizzi oħra tal-Kummissjoni u koordinazzjoni u allinjament ma’ inizjattivi oħra tal-UE, b’mod partikolari Orizzont Ewropa; - Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-Pjattaforma tal-Partijiet Konċernati tal-EIT; - Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-Grupp tar-Rappreżentanti “tal-Istati Membri”; - Organizzazzjoni tal-laqgħat annwali bejn il-KICs tal-EIT u s-servizzi tal-Kummissjoni; - Segwitu tas-sejħiet għal KICs ġodda; - Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-EIT; - Assigurazzjoni tal-konformità tal-lawrji bit-tikketta tal-EIT ma’ azzjonijiet meħuda fil-kuntest taż-Żona tal-Edukazzjoni Ogħla; - Kompiti relatati mat-tħejjija tal-proċessi tal-Kummissjoni dwar l-ippjanar strateġiku u

[39] Dawn iċ-ċifri huma allinjati mad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva ġenerali ta’ Orizzont Ewropa li tinkludi biss il-persunal awtorizzat fis-seħħ fl-2020 fid-Direttorati Ġenerali, iżda ma jħallux effett fuq il-ħtiġijiet speċifiċi possibbli tal-persunal li jaħdem fuq l-EIT għall-perjodu 2021-2027.

[40] AC = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

[41] Sublimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

	ċ-ċiklu tal-programmazzjoni (AAR, ...) u l-ġestjoni tal-baġit; - Segwitu tal-Awditi mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) u mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).
Persunal estern	- Kontribut għat-tħejjija tal-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-SPD; - Kontribut għall-koordinazzjoni ġenerali ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni u kordinazzjoni u allinjament ma' inizjattivi oħra tal-UE, b'mod partikolari Orizzont Ewropa; - Kontribut għall-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-Pjattaforma tal-Partijiet Konċernati tal-EIT; - Kontribut tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-Grupp tar-Rappreżentanti "tal-Istati Membri"; - Kontribut għall-organizzazzjoni tal-laqgħat annwali bejn il-KICs tal-EIT u s-servizzi tal-Kummissjoni; - Segwitu tas-sejħiet għal KICs ġodda; - Kontribut għall-assigurazzjoni tal-konformità tal-lawrji bit-tikketta tal-EIT ma' azzjonijiet meħuda fil-kuntest taż-Żona tal-Edukazzjoni Ogħla; - Kontribut għat-tħejjija tal-proċessi tal-Kummissjoni dwar l-ippjanar strateġiku u ċ-ċiklu tal-programmazzjoni (AAR, ...) u l-ġestjoni tal-baġit; - Kontribut għas-segwitu tal-Awditi (IAC, IAS u QEA).

3.2.2.2 Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani fl-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)

L-istima trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti ta' ingaġġ full-time

L-EIT (f'Budapest)	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Uffiċjali tal-Kummissjoni							
li minnhom AD							
li minnhom AST							
li minnhom AST-SC							
Aġenti Temporanji							
li minnhom AD	40	40	40	40	40	40	40
li minnhom AST	5	5	5	5	5	5	5
li minnhom AST-SC							
Aġenti Kuntrattwali	23	23	23	23	23	23	23
SNEs	2	2	2	2	2	2	2
Total	**70**	**70**	**70**	**70**	**70**	**70**	**70**

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	- Baġit, ippjanar u rappurtar tal-EIT; - Aġenda tas-Simplifikazzjoni tal-EIT; - Tħejjija ta' mewġiet ġodda ta' ħatra u għażla tal-KICs; - Koordinazzjoni u allinjament ma' inizjattivi oħra tal-UE, b'mod partikolari Orizzont

	Ewropa; - Pjattaforma tal-Partijiet Konċernati tal-EIT; - Il-Grupp tar-Rappreżentanti "tal-Istati Membri"; - Tħejjija tal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT u tal-Kumitat Eżekuttiv; - Organizzazzjoni tal-laqgħat u tas-seduti ta' smigħ bejn l-EIT u l-KICs; - Konsolidazzjoni tal-KICs eżistenti; - Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-KICs u l-attivitajiet ikkoordinati mill-EIT; - Impatt tal-EIT permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien, it-tixrid, is-sensibilizzazzjoni u l-espożizzjoni internazzjonali; - Tfassil u ġestjoni tal-attivitajiet ikkoordinati tal-EIT; - Trawwim ta' koperazzjoni u sinerġiji bejn il-KICs; - Tfassil u koordinazzjoni tal-attivitajiet edukattivi mwettqa mill-KICs; - Implimentazzjoni tal-komunikazzjoni tal-EIT; - Tnedija u segwitu tas-Sejħiet għal KICs; - Ġestjoni tal-Awditjar (Servizz tal-awditjar intern, Kapaċità tal-awditjar intern u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri).
Persunal estern	- Kontribut għat-tħejjija ta' mewġiet ġodda ta' ħatra u għażla tal-KICs; - Kontribut għall-Aġenda Intraprenditorjali u tal-Edukazzjoni tal-EIT; - Kontribut lill-Pjattaforma tal-Partijiet Konċernati tal-EIT; - Kontribut lill-Grupp tar-Rappreżentanti "tal-Istati Membri" - Kontribut għall-preparazzjoni tal-GBs tal-EIT u l-EstCo; - Kontribut għall-assigurazzjoni tal-konformità tal-lawrji bit-tikketta tal-EIT ma' azzjonijiet meħuda fil-kuntest taż-Żona tal-Edukazzjoni Ogħla; - Kontribut għall-implimentazzjoni tal-komunikazzjoni tal-EIT; - Kontribut għall-ġestjoni tal-attivitajiet ikkoordinati tal-EIT; - Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-KICs u l-attivitajiet ikkoordinati mill-EIT.

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

☐ ma tipprevedix kofinanzjament mingħand partijiet terzi

X tipprevedi l-kofinanzjament mingħand partijiet terzi u li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati[42]	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tħalli l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

X Il-proposta/l-inizjattiva tħalli l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

X fuq dħul ieħor

indika jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/l-inizjattiva						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Partita 6013	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

01.02XX Approprjazzjonijiet akkumulati mill-kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew xi informazzjoni oħra).

Il-pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu għall-Programm permezz ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni. Il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja se jiġu stabbiliti fi ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' kull pajjiż u għandhom jiżguraw korrezzjoni awtomatika ta' kull żbilanċ sinifikanti meta mqabbel mal-ammont li l-entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat jirċievu permezz tal-parteċipazzjoni fil-programm, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-programm.

[42] Il-Ftehimiet Bilaterali ta' Assoċjazzjoni għadhom ma ġewx stabbiliti. Il-kontribuzzjonijiet mingħand il-pajjiżi assoċjati se jiżdiedu mal-ammonti ppreżentati f'din id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva.